



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2015/2040(INI)

16.3.2015

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar il-proċeduri u prattiki rigward is-seduti ta' smiġħ tal-Kummissarji,
tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014
(2015/2040(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jean-Marie Cavada

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-garanzija ta' indipendenza tal-Kummissarji nnominati; Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi, li hija kompetenza tal-Kumitat JURI, tikkostitwixxi pass importanti fl-evalwazzjoni tal-indipendenza tagħhom, iżda li l-ambitu limitat tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi ma jippermettix li tittieħed azzjoni f'dan ir-rigward;
2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, iżda wkoll biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi; Iqis li l-Kumitat JURI għandu jkollu setgħa ta' investigazzjoni ġenwina, inkluża, b'mod partikolari, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet;
3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;
4. Iqis li għandu jkun hemm aktar flessibilità b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħin allokat għall-mistoqsijiet supplimentari.